31998D0168

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Frar 1998

li temenda d-Deċiżjoni 93/70/KEE dwar il-kodifikazzjoni għall-messaġġ "Animo" biex jiġu inklużi ċerti tipi ta' prodotti ta' l-iskart tal-mammiferi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(98/168/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bl-għan ta' l-eġħluq tas-suq intern [1], kif l-aħħar emendat mid-Direttiva 92/118/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(3) tiegħu,

Billi, għal fehma mgħaġġla tal-messaġġ Animo, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/70/KEE [3], kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 97/628/KE [4], tistabbilixxi l-kodiċijiet li għandhom jintużaw għal annimali u prodotti mill-annimali;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/735/KE tal-21 ta' Ottubru 1997 [5] tistabbilixxi dispożizzjoinijiet ġodda li jirregolaw il-kummerċ f'ċerti tipi ta' prodotti ta' l-iskart tal-mammiferi; billi, b'mod partikolari, l-Istati Membri ta' l-esportazzjoni u tad-destinazzjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin bin-natura u bl-użu intenzjonat tal-merkanzija li tuża s-sistema kompjuterizzata Animo;

Billi, b'dan il-għan, is-sistema ta' kodifikazzjoni użata għal annimali ħajjin u għall-prodotti ta' l-annimali għandha tiġi emendata sabiex jiġu introdotti l-prodotti koperti bid-dispożizzjonijet li ġejjin;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni Nru 93/70/KEE hu emendat kif ġej:

1. Fit-Titolu I, il-Punt 12 tal-Kapitolu I.3, "PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI", hu sostitwit b'li ġej:

		1	2	3
"	**12** Proteina ta' l-annimali proċessata intenzjonata jew le għall-użu fil-ħwejjeġ ta' l-ikel (għalf u qrieqeċ) — Ikel għal annimali domestici			
	01 Proteina mammifera għall-użu f'ikel ta' l-annimali, proċessat f'konformità ma' l-Anness tad-Deċiżjoni 96/449/KE			
	01 — Laħam u għalf ta' l-għadam	47010101000000		
	02 — Għalf tad-demm	47010103000000		
	03 — Dqiq ta' l-għadam	47010104000000		
	04 — Għalf tal-qrun	47010105000000		
	05 — Għalf tad-dwiefer	47010106000000		
	06 — Qrieqeċ nexfin	47010108000000		
	07 — Taħlita ta' dan l-għalf	47010199000000		

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.
[2] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
[3] ĠU L 25, tat-2.2.1993, p. 34.
[4] ĠU L 261, tat-23.9.1997, p. 1.
[5] ĠU L 294, tat-28.10.1997, p. 7.

		1	2	3
02	Skart mammiferu pproċessat mhux għall-użu fil-ħwejjeġ għall-ikel			
01	— Il-Laham u għalf ta' l-għadam	47010301		D4
02	— Għalf tad-demm	47010303		D4
03	— Dqiq ta' l-għadam	47010304		D4
04	— Għalf tal-qrun	47010305		D4
05	— Għalf tad-dwiefer	47010306		D4
06	— Qrieqeċ nexfin	47010308		D4
07	— Taħlitiet ta' dan l-għalf	47010399		D4
03	Proteina ta' l-annimali pproċessata ta' oriġni mhux mammifera għall-użu fil-ħwejjeġ għall-ikel			
01	— Għalf tal-ħut	47010102000000		
02	— Laħam u għalf ta' l-għadam minn fdal tal-laħam tat-tjur	47010109000000		
03	— Għalf tar-rix	47010107000000		
04	— Taħlitiet minn dan l-għalf u għalf ieħor	47010499000000		
04	Ikel għall-annimali domestiċi			
01	— Iffriżat, mhux maħdum fis-sħana	47010201000000		
02	— Fil-bottijiet (maħdum fis-sħana $F_o > 3,00$)	47010202000000		
03	— Nofsu umdu	47010203000000		
04	— Imnixxef	47010204000000		
05	— Minn ġlud proċessati	47010205000000"		

2. Fit-Titolu III:

— It-titolu huwa sostitwit minn:

"Lista ta' utilitajiet possibbli għall-annimali ħajjin, l-isperma, l-ova, l-embrijoni u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali",

— Punt ġdid, D4, jiġi miżjud:

" **D4**	01	Mhux għall-użu bħala ħwejjeġ għall-ikel — biss għall-inċinerazzjoni jew għal użu bħala żejt
	02	Mhux għall-użu bħala ħwejjeġ għall-ikel — biss għall-ipproċessar"

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Frar 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni